KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-iSpeaker *The Speaker*

9 ta' Ġunju 2020

Onor. Adrian Delia M.P.
Kap tal-Oppożizzjoni

Ghajr Adrian

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek tat-3 ta' Mejju, 2020 li biha, f'ismek u f'isem l-Oppożizzjoni tlabt li s-sala fil-bini tal-Parlament fejn niltaqgħu talbiet tal-pubbliku in ġenerali kif ukoll ta' bosta għaqdiet oħra biex fl-istess bini jittellgħu wirjiet u attivitajiet ta' ġeneru varjat, tissemma' għal Daphne Caruana Galizia.

Din il-materja ġiet imqajjma waqt il-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra li ltaqa' l-bierah 8 ta' Ġunju fejn intweriet ix-xewqa li d-deċiżjoni titħalla f'idejn is-Sedja.

Is-Sedja tikkondividi mieghek l-importanza li jiġi mfakkar il-Jum Internazzjonali ddedikat lill-Ġurnaliżmu Ħieles kif stabbilit mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u f'dan ir-rigward theġġeġ sabiex dan il-jum jibda jiġi kommemorat b'indirizzi lill-Kamra min-naha tal-Gvern, tal-Oppożizzjoni kif ukoll mis-Sedja, u dan kif isir f'okkażjonijiet oħra simili.

Fir-rigward li xi parti mill-bini tal-Parlament jissemma għal xi persuna partikolari, is-Sedja tara li r-rispett lejn imparzjalità totali f'dawk li huma servizzi li s-Servizz Parlamentari jaghti lill-Membri għandha tkun ta' prijorita' assoluta f'kull ċirkostanza. Għaldaqstant, sabiex jiġi evitat kull ħjiel, jew anke perċezzjoni, li b'xi mod ġest jew azzjoni tista' timftiehem bħala mhux totalment imparzjali, is-Sedja hija tal-fehma li l-ebda parti mill-binja m'għandha tissemma għal xi persuna partikolari, kemm jekk din tkun ġejja mil-qasam tal-politika jew ta' xi sfera oħra tas-soċjetá.

Is-Sedja tassigurak li din id-deċiżjoni qieghda teħodha biss u fl-aħjar interess tal-Istituzzjoni.

Anġlu Farrugia
Speaker

Kopja mibghuta lill-Membri tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.